**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 439/07**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Bjorn Bartolo**
**(ID 286283(M))**

**Illum, 28 ta' Frar 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Bjorn Bartolo, iben Joseph u Gertrude nee` Fenech, imwieled il-Pieta` nhar it-30 ta' Mejju 1983, residenti 6, Triq Spinola, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita` numru 286283(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-20 ta' Ottubru 2005 u matul l-ghaxar xhur qabel din id-data:

(a) Traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-

miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

(b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101) u l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li m'hemmx kontestazzjoni dwarhom kienu s-segwenti: Nhar l-20 ta' Ottubru 2005, ghall-habta tal-11.15 p.m., membri mill-Iskwadra kontra d-Droga segwew vettura tal-marka Volkswagen Golf fl-inhawi ta' Sliema u San Giljan. Il-vettura kienet misjuqa mill-imputat odjern, li mieghu kellu zewg passiggieri ossia lil Jorgen Brincat u lil Matthew Bartolo. L-istess vettura waqfet hdejn *Pizza Hut*, San Giljan, fil-waqt illi resaq lejha bil-pass certu Nicholas George Borg Olivier. L-ufficjali tal-pulizija prezenti marru fuq il-vettura u waqt tfittxija li saret fiha, fid-*dashboard*, instabet borza b'diversi pilloli suspettati *ecstasy*, li gew mghoddija lill-Ispettur Investigattiv. Saret ukoll tfittxija gewwa l-appartament li fih kien jabita Jorgen Brincat u minn hemmhekk, gew elevati sbatax-il borza bi trab abjad suspettat kokaina u pillola suspettata *ecstasy*. Instab ukoll *notebook* b'xi notamenti fih.[1]

Mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[2], ikkonfermatha minnu f'dawn il-proceduri[3], jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti minn PS 1184 Patrick Grech, *Scene of the Crime Officer*, ghall-analizi tieghu:

1. Borza tal-plastik trasparenti li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Police Force* FS 052238, *Court Exhibit* No. Dok. 05 DIC 201, *Description* Sbatax 17-il borza kontenenti trab abjad elevati minn go *tea pot* zghir fil-*wall unit* tal-*living room*, *Time/Date Seized/Produced* Sir George Borg Str., Sliema, *Where Seized/Produced* 20/10/05, 1.45 a.m., *Seized/Produced by* PS 1184, *Laboratory Ref.* FS 052238." F'din il-borza kien hemm sbatax (17) il-borza zghira tal-plastik trasparenti li go fihom kien hemm trab ta' lewn abjad – Kodici tal-laboratorju 096/08/01;

2. Borza tal-plastik trasparenti li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Authority FS* 052238, R-V- Dok. 05 DIC 202, *Description* Bott kontenenti trab abjad u affarijiet ohra konnessi mad-droga, *Time/Date Seized/Produced/Obtained* 20/10/05, 2.00 a.m., *Where Seized/Produced/Obtained* Triq George Borg, Sliema, *Signed* PS 1104, *Additional Information*: FS 052338." F'din il-borza kien hemm mizien elettroniku ta' lewn iswed tal-marka 'Tanita' li kien go *pouch* ta' lewn iswed, borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm tmien boroz zghar tal-plastik trasparenti, kuccarina zghira tal-plastik abjad, borza tal-plastik

[1] Ara x-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia in ezami (a fol. 33 u 34 tal-process) u in kontro-ezami (a fol. 88 sa 91 tal-process) u x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech in kontro-ezami (a fol. 99 sa 101 tal-process), kif ukoll ritratti tal-oggetti elevati esebiti mar-relazzjoni ta' PS 1184 Patrick Grech, a fol. 32 tal-process.
[2] Esebita a fol. 36 *et seq* tal-process verbal Dokument OD 1, li jinsab esebit a fol. 28 tal-process.
[3] Ara x-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud (a fol. 57 sa 61 tal-process).

trasparenti li go fiha kien hemm pillola ta' lewn celesti, bott tal-plastik iswed b'tapp tal-plastik griz li go fih kien hemm kwantita` ta' trab abjad, u borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm ftit trab ta' lewn *off-white* – Kodici tal-Laboratorju 096/08/02;

3. *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Zewg boroz u bicca plastic elevati mill-art fil-kcina, *Exhibit Identity Mark ...* Dok. 05 DIC 203, *Signature(s), Court Exhibit No., Laboratory Ref:* FS 052238." F'dan l-*envelope* kien hemm tlett boroz zghar tal-plastik trasparenti u bicca plastik - Kodici tal-Laboratorju 096/08/03;

4. *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* Pipa zghira elevata minn go kexxun fil-*main bedroom, Exhibit Identity Mark ...* Dok. 05 DIC 204, *Signature(s), Court Exhibit No., Laboratory Ref:* FS 052238." F'dan l-*envelope* kien hemm pipa zghira tal-plastik - Kodici tal-Laboratorju 096/08/04;

5. Borza tal-plastik trasparenti li go fiha hemm *label* bajda bil-kliem "*Forensic Science Laboratory – Malta, Description of Exhibit* 99 pillola ta' lewn celesti, *Exhibit Identity Mark ...* Dok. 05 DIC 205, *Signature(s), Court Exhibit No., Laboratory Ref:* FS 052238." F'din il-borza kien hemm borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm disgha u disghin (99) pillola ta' lewn celesti - Kodici tal-Laboratorju 096/08/05.

Dwar dawn, mir-rizultati miksuba l-espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

a) Li ma nstabux sustanzi illegali fuq il-mizien elettroniku, il-kuccarina tal-plastik u t-trab abjad li kien hemm fil-bott tal-plastik iswed fid-dokument 096/08/02;

b) Li ma nstabux sustanzi illegali fuq bicca plastik trasparenti u borza tal-plastik trasparenti li kien hemm fid-dokument 096/08/03;

c) Li fil-mitt pillola celesti li kien hemm fid-dokumenti 096/08/02 u 096/08/05 rispettivament instabet fihom is-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*;

d) Li nstabu tracci tas-sustanza kokajina f'zewg boroz zghar tal-plastik li kien hemm fid-dokument 096/08/03 u go pipa tal-plastik li kien hemm fid-dokument 096/08/04;

e) Li fit-trab abjad li kien hemm fis-sbatax-il borza tal-plastik fid-dokument 096/08/01u t-trab ta' lewn *off-white* li kien hemm fid-dokument 096/08/02, f'ammont nett totali ta' 7.369 grammi, instabet fihom is-sustanza kokaina. Il-purita` medja tat-trab li kien hemm fiz-zewg dokumenti ghas-sustanza kokaina kienet ta' cirka 51.1%.

Jirrizulta wkoll mill-atti, illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet, wahda fil-21 ta' Ottubru 2005 u ohra fit-22 ta' Ottubru 2005 u ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[4] Jorgen Brincat ukoll irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar il-21 ta' Ottubru 2005[5], liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikoli korrispondenti fil-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.[6] Brincat xehed ukoll f'dawn il-proceduri fis-16 ta' Jannar 2012[7] u fit-30 ta' Mejju 2012.[8]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' traffikar tal-medicina psikotropika u ristretta *ecstasy*.

Kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet nhar il-21 ta' Ottubru 2005 u t-22 ta' Ottubru 2005 rispettivament u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi d-dritt ta' assistenza legali lill-persuna arrestata qabel l-interrogatorju taghha. Il-Qorti tinnota illi fil-waqt illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2012, id-difiza ddikjarat illi "*sabiex ma tippregudikax ruhha minn issa qed tirregistra l-oggezzjoni taghha ghall-validita` probatorja tal-istqarrijiet tal-imputat minhabba f'indoli ta' natura kostituzzjonali*"[9], fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza sostniet illi mhijiex qed tikkontesta l-validita` tal-istqarrija tal-imputat[10]. Wara li l-Qorti rat l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat odjern tqis illi bit-twegibiet tieghu, huwa certament illi ppregudika ruhu billi fl-istess stqarrijiet,

[4] Ara x-xhieda tieghu, a fol. 104 sa 117 tal-process.
[5] Din tinsab esebita a fol. 5 sa 7 tal-process verbal esebit bhala Dok. OD 2, esebit a fol. 28 tal-process.
[6] Ara a fol. 8 u 9 tal-process verbal Dok. OD 2.
[7] A fol. 35 sa 40 tal-process.
[8] A fol. 42 sa 53 tal-process u a fol. 54 sa 56 tal-process.
[9] Ara l-verbal a fol. 29 tal-process.
[10] Ara a fol. 145 tal-process.

huwa ghamel dikjarazzjonijiet li jistghu jwasslu ghall-htija tieghu. Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm hija m'ghandha l-ebda kompetenza sabiex tiddeciedi dwar jekk sehhitx lezjoni o meno tad-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq, biss ghandha certament tqis l-ammissibilita` o meno tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri sabiex finalment, wara li tiddeciedi dwar liema huma dawk il-provi ammissibbli, tkun tista' tasal ghall-konkluzjoni ta' htija o meno tal-imputat odjern.

Tirrileva wkoll illi l-posizzjoni legali dwar l-ammissibilita` o meno ta' stqarrija rilaxxjata minn persuna arrestata u sussegwentement akkuzata minghajr il-jedd li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha, illum hija wahda cara. Bizzejjed illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **<u>Mario Borg v. Malta,</u>**, kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor</u>** tal-1 ta' Dicembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **<u>Carmel Saliba vs Avukat Ġenerali</u>** tas-16 ta' Mejju 2016, **<u>Stephen Nana Owusu vs Avukat Ġenerali</u>** tat-30 ta' Mejju 2016, **<u>Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et</u>** tal-24 ta' Gunju 2016 u **<u>Aaron Cassar vs Avukat Ġenerali et</u>** tal-11 ta' Lulju 2016 u ghaddiet sabiex tiddeciedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*" Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrijiet tieghu, liema stqarrijiet kif inghad, kienu ta' pregudizzju ghalih ghaliex fihom ghamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, il-Qorti m'hijiex qed tqis tali stqarrijiet bhala ammissibbli u konsegwentement qeghda tiskartahom, bhal ma qeghda tiskarta wkoll kwalunkwe referenza ghal tali stqarrijiet.[11]

Skartati l-istqarrijiet tal-imputat, apparti dak li rrizulta lil-Ufficjali tal-Pulizija meta waqfu l-vettura misjuqa mill-imputat fil-lejl in kwistjoni u s-sussegwenti tfittxija fir-residenza ta' Jorgen Brincat, jibqa' bhala provi in atti, l-istqarrija li l-istess Brincat igguramenta quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar il-21 ta' Ottubru 2005 u x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, kif ukoll ix-xhieda tal-imputat odjern ukoll f'dawn il-proceduri.

Mill-istqarrija ta' Jorgen Brincat[12] ikkonfermatha minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti[13], jirrizulta illi l-istess Brincat jghid illi huwa jabbuza mill-

---

[11] Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v Ramon Fenech.</u>**
[12] Din tinsab esebita a fol. 5 sa 7 tal-process verbal Dok. OD 2, esebit a fol. 28 tal-process.

kokaina u l-*ecstasy*, li kien ilu jabbuza minn dawn is-sustanzi ghal perjodu ta' madwar sena (ossia ghalhekk ghall-habta ta' Ottubru 2004) u li minn Jannar jew Frar 2005, beda jbiegh l-*ecstasy*, fil-waqt li beda jbiegh il-kokaina fl-ahhar xahar jew xahar u nofs. Jghid ukoll illi fil-bidu kien jixtri madwar 25 pillola *ecstasy* u jbieghhom u wara ftit taz-zmien beda jzid f'dan l-ammont, sakemm wasal sa 100 pillola. Kien idum madwar hmistax-il jum biex ibiegh mitt pillola u l-oghla prezz li kien izomm ghal pillola kien Lm5. Il-qliegh minn dan il-bejgh kien izommu kollu hu u minn kull pillola kien ikollu qliegh ta' madwar Lm2. L-ahhar li akkwista ammont ta' *ecstasy* u bieghu kien is-Sibt ta' qabel (u ghalhekk fil-15 ta' Ottubru 2005) meta biegh hamsin pillola f'daqqa. Dwar dan jispjega illi ma kienx jaf lil min biegh dawn il-pilloli, izda kien laqqghu ma' dan il-klijent Bjorn (ossia l-imputat odjern) u dan billi l-imputat ta lit-terz in-numru tat-telefon ta' Bartolo (ix-xhud), it-terz cempillu u ltaqghu Tas-Sliema max-xatt vicin ix-*Chalet*. Jghid ukoll illi huwa ta lil Bjorn Lm10, wara li biegh dan l-ammont ta' *ecstasy* bil-prezz ta' Lm225. Brincat jghid illi Bjorn ghaddielu n-nies biex jixtru d-droga minghandu xi darbtejn u mistoqsi kemm kien ilu, iwiegeb "*xi xahrejn*". Mistoqsi kienx laqqghu ma' xi nies biex jixtru l-kokaina minghandu, huwa jghid illi Bartolo ghamel dan darba biss billi laqqghu ma' Matthew (li kien arrestat ma' Bartolo u Brincat fil-lejl in kwistjoni), li dan sehh xi xahar jew xahar u nofs qabel u li dan Matthew kien xtara tlett grammi bil-prezz ta' Lm35. Brincat jghid illi rari jbiegh l-*ecstasy* u li jbiegh il-kokaina jumejn fil-gimgha, fil-*weekends*, madwar ghaxar grammi fil-gimgha.

Isemmi lill-persuna minghand min kien jixtri l-*ecstasy*, generalment bil-prezz ta' Lm2 il-wahda u jghid ukoll illi ghamel zmien, qabel, meta kien jixtriha minghand l-imputat. Dwar il-kokaina ma xtaqx jikxef minghand min kien jixtriha, izda sussegwentement quddiem il-Magistrat Inkwirenti, jghid illi kien lest li jindika l-isem tal-fornitur tieghu b'mod kunfidenzjali lill-pulizija. Dwar l-imputat, imbaghad, izid jghid illi huwa ilu jixtri d-droga minghand Bjorn ghal zmien twil, izda waqaf jaghmel dan xi xahrejn qabel, ghaliex Bjorn ma baqax igib id-droga. Jghid ukoll illi fl-ahhar jumejn xtara mitt pillola *ecstasy* blu. Dwar il-lejl in kwistjoni, Brincat jghid illi xi hin wara nofsinhar, kien cempillu Bjorn u staqsieh jekk kellux *ecstasy*, huwa wiegbu li kellu u xi t-8.00 p.m., Bjorn rega' cempillu u talbu biex ilestilu mija biex imur ibieghhom lil wiehed. Ghall-habta tal-11.30 p.m., Bjorn mar ghalih bil-vettura tieghu u qallu biex imur mieghu. Hekk kif kienu sejrin lejn San Giljan, huwa ghadda l-borza bil-pilloli lil Bjorn, li zammha, u dan saq fejn il-*Pizza Hut*, San Giljan u pparkja l-vettura hdejn wiehed Nick, li huwa qatt ma kien rah. Dan tal-ahhar mar mat-tieqa tal-passiggier, fil-waqt illi Bjorn

[13] Ara a fol. 8 u 9 tal-process verbal Dok. OD 2.

ghajjatlu man-naha tieghu u f'dak il-waqt marru fuqhom il-pulizija. Skont Brincat, Bjorn kien ser jithallas, jiehu sehmu u mbaghad jghaddi l-flus lilu. Jghid ukoll illi kien Bjorn li ftiehem ma' dan Nick u dan kien jafu ghaliex l-ewwel Bjorn talab id-droga lilu biex jaghtiha lil Nick. Ix-xhud jikkonferma li nstabet il-kokaina fir-residenza tieghu, jindika meta akkwistaha u l-prezz li hallas ghaliha, kif qasamha fi sbatax-il borza u kif kien bi hsiebu jbieghha.

Jorgen Brincat xehed f'dawn il-proceduri l-ewwel darba fis-16 ta' Jannar 2012 u t-tieni darba fit-30 ta' Mejju 2012. Fl-ewwel xhieda tieghu, Brincat jghid illi huwa kien qieghed jiskonta sentenza dwar akkuzi relatati mad-droga u jsemmi l-*ecstasy*. Sussegwentement, jghid illi ma jiftakarx minn fejn xtara d-droga ghaliex kien ghadda z-zmien. Jghid ukoll illi ma jiftakarx illi kien xehed quddiem Magistrat, li lill-imputat kien jafu minn wiccu ghax kellu Kazin il-Mosta, li gieli kellmu fuq li jigi u anke tkellmu fuq droga, izda x'kienu qalu sitt snin qabel ma ftakarx, f'liema stadju l-Qorti wissietu li kien qieghed bil-gurament. Fix-xhieda tieghu tat-30 ta' Mejju 2012, imbaghad, Brincat jghid illi mis-seduta ta' qabel, huwa qara l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija u kkonferma l-kontenut taghha, izda ma kienx jiftakar fid-dettal dak li kien gara. Jghid illi huwa kien qal illi l-imputat gieli bghatlu xi nies biex jixtru d-droga minghandu u li qabel, gieli kien jixtri minghand l-imputat. Dwar dawn in-nies, jghid illi ma jiftakarhomx. Jghid illi ma jiftakarx kemm il-darba l-imputat bghatlu n-nies biex jixtru d-droga minghandu ghaliex nesa, izda kien hemm okkazzjoni wahda zgur fejn bghatlu persuna. Jghid ukoll illi fil-lejl in kwistjoni, kienu gew arrestati hdejn il-*Pizza Hut* ghalkemm ma kienx cert jekk kienx gewwa Tas-Sliema jew San Giljan u li jekk jidhirlu sew gew arrestati fuq xi mitt pillola *ecstasy*. Dwar dawn jghid illi l-imputat kien cempillu biex imorru jaghtuhom lil terza persuna, li l-pilloli kienu tieghu (ossia tax-xhud) u li l-imputat kien ghamel l-arrangament dwar dan il-bejgh ghaliex huwa (ix-xhud) ma kienx jafu lit-terz. Apparti dan l-incident, kien hemm tal-inqas darb'ohra meta l-imputat cempillu jew kellmu biex jirrangalu ma' terzi. In kontro-ezami, ix-xhud jinnega illi sar jaf li kien l-imputat li bghatlu terz biex ibieghlu d-droga ghaliex kien dan it-terz li semma' lill-imputat u jghid illi qabel kien cempillu l-istess imputat. Sussegwentement, fuq suggeriment illi huwa dehrlu li kien l-imputat li bghatlu terza persuna ghaliex kienet din it-terza persuna li semmiet lill-imputat, Brincat jghid illi jista' jkun ukoll, izda jzid illi l-imputat dejjem kien icempillu qabel u jispjega illi "*mhux se naqbad naqdi bniedem bla ma nkun naf min baghtu"*.[14] Jghid illi ma kienx jaf min kien it-terz, izda darba minnhom kien qeda lil certu Matthew u dan ftakru ghaliex kien qara l-istqarrija fil-jum ta' qabel. Jghid illi Matthew kien habib tal-imputat, li kien bieghlu l-kokaina u li kien cert minn

[14] A fol. 47 tal-process.

dan. Jghid illi huwa kien ilu jiehu d-droga xi sena qabel l-istqarrija u lill-imputat sar jafu ghaliex darba kien xtara d-droga minghandu, meta laqqghu xi hadd mieghu. Jghid illi lill-imputat ma kienx ilu jafu wisq, forsi erba' jew sitt xhur qabel. Jghid ukoll illi kienet darba li l-imputat bghatlu persuna biex jinqeda bid-droga, ghalkemm in ri-ezami jerga' jghid illi "*darba zgur. Il-kumplament ma nafx*".[15] Jikkonferma wkoll illi dakinhar tal-arrest tieghu, kienu miftehmin biex ibieghu l-*ecstasy* lil terza persuna. In kontro-ezami, jghid illi dak il-lejl, il-pilloli nstabu fil-vettura tal-imputat u li dawn kienu tieghu. Jghid illi kien cempillu l-imputat u mar ghalih biex imorru jaghtuha lil terza persuna. Jerga' jghid illi l-pilloli kienu tieghu u li l-imputat kien qallu li t-terz ried l-*ecstasy*. Ma ftakarx min kien it-terz u l-imputat lanqas ma kien qallu min kien ghaliex kienu marru biex jitlaqghu mieghu flimkien. Kellu jbieghlu mitt pillola izda l-bejgh ma sehhx ghax intervjenew il-pulizija.

Da parti tieghu l-imputat xehed f'dawn il-proceduri fit-18 ta' Marzu 2015. Mistoqsi x'kienet is-sitwazzjoni tieghu meta sehh il-kaz, huwa jghid "*Insejt x'jismu, staqsieni minn fejn nixtri jiena*".[16] Jghid illi dak iz-zmien, huwa kien jabbuza mill-*ecstasy*, kokaina u kien ipejjep il-haxixa wkoll. Jghid illi huwa kien ilu jaf lil Brincat ghal madwar sena, li dak iz-zmien kellu l-bar tal-Kazin tan-Nazzjonalisti tal-Mosta u Brincat kien imur hemmhekk u kienu jiltaqghu f'*parties*. Jghid illi kienu jiltaqghu gewwa Paceville u hu kien jinqeda minghand Brincat kemm bl-*ecstasy*, kif ukoll bil-kokaina. Jinnega li huwa qatt biegh droga lil Brincat jew lil haddiehor jew li kien jirranga biex tinbiegh id-droga u jghid illi jekk terza persuna kienet tistaqsih minn fejn gab id-droga, huwa kien jirreferi lil dik il-persuna ghall-persuna li huwa kien jixtri minghandha ossia lil Brincat. Jghid illi huwa kien ikun fil-*parties*, fejn kien ikun qed jabbuza mid-droga u terzi persuni kienu jistaqsuh minghand min ikun xtara d-droga, probabbli ghax kienu jaraw li kien ikun taht l-effett u hu jirreferihom lil Brincat fis-sens illi huwa kien jghidilhom minn fejn inqeda hu. Jghid illi gieli kien ikun f'*party* u jiltaqa' ma' Brincat. Jghid ukoll illi l-ghada li nhellsu mill-arrest, Brincat mar ihabbatlu d-dar flimkien ma' zewg persuni ohrajn li bezzghuh u talbuh il-flus illi huwa kellu jaghti lil Brincat ta' zewg grammi kokaina ossia xi Lm60. Jghid illi dakinhar issellef il-flus minghand il-familja tieghu u hallas lil Brincat u illi huwa kien xtara l-kokaina minghand Brincat ftit zmien qabel l-arrest tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

[15] A fol. 51 tal-process.
[16] A fol. 104 tal-process.

Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Issa f'dan il-kaz, fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza tibda biex tghid illi fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur sostna illi l-imputat ma kienx qed jigi akkuzat dwar id-*deal* ta' mitt pillola *ecstasy* (proprjament disgha u disghin pillola) li nstabu fil-vettura tieghu fil-lejl in kwistjoni, izda a bazi tal-istqarrija guramentata ta' Jorgen Brincat li sostna li gieli xtara d-droga kokaina minghand Bartolo (fil-fatt sostna li kien jixtri l-pilloli *ecstasy* minghandu) u dwar l-arrangamenti li l-imputat kien jaghmel in konnessjoni mad-droga – "*qed ikun akkuzat dwar l-involviment tieghu u kif kien jirranga u jlaqqa' persuna ma' ohra jew jirreferi persuna ma' ohra*".[17] Tghid ukoll id-difiza illi *semmai* l-imputat kellu jigi akkuzat bir-reat ta' assocjazzjoni ma' persuni ohrajn sabiex ibiegh jew jitraffika d-droga u dan stante li

[17] A fol. 141 tal-process.

l-imputat laqqa’ lil terza persuna ma’ Brincat sabiex tinxtara d-droga, liema imputazzjoni madankollu ma gietx addebitata lilu. Skont id-difiza, imbaghad, il-Qorti m’ghandhiex issib htija fl-imputat a bazi tax-xhieda ta’ Brincat fis-sens illi huwa kien jixtri l-pilloli *ecstasy* minghand l-imputat (ghalkemm id-difiza hawnhekk erronjament tirreferi ghad-droga kokaina) ghaliex skont id-difiza, jirrizulta mill-provi prodotti illi l-fornitur kien Brincat u mhux l-imputat.

Effettivament l-Ispettur Pierre Grech jghid hekk fix-xhieda tieghu, wara li jispecifika illi d-disgha u disghin pillola gew elevati mill-vettura tal-imputat: “... *biss pero jiena lis-sinjur mhux qed inressqu hawn fuq dawk id-99 ecstasy li nstabu. Qed inressqu ghall-involviment tieghu fid-droga, apparti li hu kien jabbuza minn diversi tipi ta’ droga* _u anke gieli rranga bejn xi nies, mhux necessarjament biegh hu_”[18] [sottolinear tal-Qorti].

B’dan il-Qorti tifhem illi l-imputat ma kienx qed jigi akkuzat bil-pussess u l-provvista *per se* tad-disgha u disghin pillola lil Nick Borg Olivier, ghaliex jirrizulta ampjament mill-atti, fuq ammissjoni stess ta’ Jorgen Brincat, illi dawn il-pilloli kienu jappartjenu lill-istess Brincat. Ma jfissirx madankollu illi kemm il-darba jirrizulta fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kien involut fl-arrangament sabiex jinbieghu dawn id-disgha u disghin pillola, huwa qed jigi ezonerat minn xi responsabilita` kriminali jew htija f’dan ir-rigward. Apparti illi l-Ispettur Grech ghamilha cara li l-imputat kien qed jigi mixli anke dwar dawn l-arrangamenti, il-parametri li fihom il-Qorti ghandha tezamina l-fatti huma biss dawk dettati mic-*charge sheet* odjerna u cioe` fit-termini tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat, inkluz il-parametri ta’ zmien li ghalih dawn jirreferu.

Kif inghad l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta’ traffikar tal-medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*). Il-Qorti tqis illi m’ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni sollevata mid-difiza fis-sens illi l-imputat kellu jigi addebitat bir-reat ta’ assocjazzjoni ma’ persuni ohrajn sabiex ibiegh jew jitraffika d-droga, la darba huwa ma giex mixli b’dan ir-reat, izda ser tezamina l-fatti li jirrizultaw, mill-ottika tal-imputazzjoni lilu addebitata u jekk dawn il-fatti jwasslux ghar-reat ta’ traffikar kif definit fl-Artikolu 120(1B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jibda biex jinghad illi sfortunatament, din il-Qorti kif preseduta ma kellhiex l-opportunita` li tisma’ lil Jorgen Brincat meta dan ha l-pedana tax-xhieda fis-sena 2012. Biss fir-rigward tal-istqarrija minnu guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti *a tempo vergine*, il-Qorti tinnota illi din hija wahda verosimili u pjuttost

[18] A. fol. 8 tal-process.

dettaljata, kif ukoll illi Brincat ma qaghad lura xejn milli jirrispondi ghad-domandi kollha li sarulu, b'mod partikolari anke ghal dawk li bit-twegibiet tieghu inkrimina ruhu u li fil-fatt, huwa ammetta l-involviment tieghu fit-traffikar tad-droga kokaina u *ecstasy*, inkluz dettalji dwar kwantitajiet u prezzijiet li bihom kien jixtri u anke jbiegh id-droga. Ghalhekk il-Qorti tqis ukoll illi mhux minnu dak li tghid id-difiza dwar Brincat fis-sens illi "*nqabad hu u tieghu prova jitfghu fuq haddiehor*"[19] meta indika li huwa kien ghamel zmien jixtri d-droga minghand l-imputat. Anzi, kif inghad, Brincat ammetta mill-ewwel l-involviment tieghu fil-bejgh tad-droga u provda d-dettalji rikjesti lilu matul l-istqarrija tieghu, bhal ma ammetta wkoll illi l-pilloli *ecstasy* li nstabu fil-lejl in kwistjoni kien provdihom hu u in oltre illi l-kokaina li nstabet fir-residenza tieghu kien qasamha hu fi sbatax-il pakkett sabiex ibieghha. Il-Qorti tqis ukoll illi ghalkemm meta xehed f'dawn il-proceduri l-ewwel darba, Brincat kien reticenti u indika biss li kien jaf lill-imputat minn wiccu u li gieli tkellmu dwar droga, biss fit-tieni xhieda tieghu, huwa kkonferma l-istqarrija tieghu u kompla sabiex jerga' jghid dak li kien qal fl-istqarrija tieghu, ghalkemm f'inqas dettal. Il-Qorti tinnota f'dan ir-rigward illi ghaddew sitt snin u nofs mill-kaz sakemm Brincat ta x-xhieda tieghu u li huwa diga` kien qed jiskonta l-piena tieghu in konnessjoni ma' dan il-kaz. Apparti li Brincat rega' kkonferma l-istqarrija tieghu meta xehed f'dawn il-proceduri, il-Qorti tqis ukoll illi Brincat huwa korroborat dwar dak li jghid li kien sehh fil-lejl in kwistjoni mill-fatt illi jirrizulta mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia, illi d-disgha u disghin pillola nstabu fil-vettura li kienet misjuqa mill-imputat odjern, li fiha kien hemm ukoll Brincat bhala passiggier u li qabel l-arrest taghhom, gie nnutat certu Nicholas Borg Olivier javvicina bil-pass lejn in-naha tal-passaggier tal-istess vettura. Kif inghad, dwar dan, Brincat jghid fl-istqarrija tieghu illi fil-jum ta' qabel ossia fl-20 ta' Ottubru 2005, l-imputat kien cempillu wara nofsinhar u staqsih jekk kellux *ecstasy*, ghal-liema Brincat wiegeb fl-affermattiv. Sussegwentement xi t-8.00 p.m., l-imputat rega' cempillu u qallu biex ilestilu mija biex imur ibieghhom lil wiehed. Jispjega mbaghad kif xi l-11.30 p.m., l-imputat mar ghalih bil-vettura tieghu, flimkien ma' certu Matthew, saq lejn il-*Pizza Hut* ta' San Giljan u pparkja l-vettura hdejn certu wiehed Nick, li huwa qatt ma kien rah qabel, kif ukoll illi Nick avvicina l-vettura min-naha tal-passiggier. Brincat jerga' jtenni fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri illi l-pilloli *ecstasy* kienu nstabu fil-vettura tal-imputat, li l-pilloli kienu tieghu, li kien cempillu l-imputat biex imorru jaghtuhom lil terza persuna li huwa ma kienx jaf min hu u li l-imputat talbu l-*ecstasy* u ghadda ghalih. L-intiza kienet li jbiegh mitt pillola.

[19] A fol. 143 tal-process.

Dwar dan, in oltre, il-Qorti tinnota illi apparti illi d-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha lanqas ma tikkontesta dawn il-fatti, meta mistoqsi jispjega x'kienet is-sitwazzjoni tieghu fis-sena 2005, l-imputat stess jghid:"*Insejt x'jismu, staqsieni minn fejn nixtri jiena*"[20], f'liema stadju gie mwaqqaf mill-avukat difensur li dderigietu ghal mistoqsija ohra. Imbaghad, ghalkemm jghid illi huwa qatt ma ghamel arrangamenti ghal Brincat, jghid kemm il-darba li meta kien jigi mistoqsi minn terzi dwar minn fejn kien jixtri d-droga, inkluz l-*ecstasy*, huwa kien jirreferihom ghall-persuna li minghandha kien jixtri hu ossia ghal Jorgen Brincat, minghajr fil-fatt ma jispjega b'mod car x'kien jaghmel u cioe` jekk kienx jaghti l-isem, jekk kienx jindika min kien il-persuna jew jekk kienx jaghmel izjed minn hekk billi per ezempju jaghti numru ta' telefon. Ghalkemm l-imputat jipprova jaghti l-impressjoni illi huwa kien jaghmel dan biss waqt xi *party* ghaliex it-terzi kienu jindunaw li huwa kien ikun taht l-effett ta' droga, biss jirrizulta car illi fil-kaz odjern dan ma kienx il-kaz. Kif inghad, il-Qorti temmen il-verzjoni ta' Brincat dwar dak li huwa jghid li sehh fil-lejl in kwistjoni, anke ghaliex huwa korroborat mix-xhieda tal-pulizija li esegwew l-arrest u ghalhekk l-involviment tal-imputat li effettivament kien qed isuq il-vettura u kien ser jiehu lill-fornitur (Brincat) biex ilaqqghu max-xerrej (Borg Olivier) u tinbiegh id-droga li nstabet fil-vettura tieghu, f'dan il-kaz ma kienx sempliciment limitat ghal xi referenza lil terzi ghall-persuna li minghandha kien jinqeda hu waqt xi *party*, ghaliex fil-fatt irranga wkoll li dawn jiltaqghu u d-droga tinbiegh. Fil-waqt illi l-Qorti taghmilha cara illi anke tali referenza intiza sabiex twassal ghax-xiri tad-droga tammonta ghal traffikar ta' droga skont il-ligi, biss il-Qorti temmen a bazi tal-kunsiderazzjonijiet taghha, illi fix-xhieda tieghu, l-imputat ipprova jimmitiga l-involviment tieghu u ma kienx ghal kollox veritier. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex temmen lil Brincat dwar l-involviment tal-imputat li kien laqqghu ma' jew bghatlu terzi sabiex jixtru l-*ecstasy* minghandu, fl-okkazzjonijiet imsemmija minnu fl-istqarrija tieghu.

Il-Qorti tirrileva illi ai termini tal-Artikolu 120(1B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta:

"Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma 'jittraffika' (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u <u>l-ghoti ta'</u>

[20] A fol. 104.

informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminal tat-13 ta' Ottubru 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David John Buttigieg** inghad hekk:

"*7. L-ewwel qorti sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni, cioe` dik ta' traffikar, a bazi ta' dak li huwa stqarr lill-pulizija u li hemm riprodott fl-istqarrija tieghu (fol. 18 et seq.). In fatti l-appellant kien qal hekk:*

*"Xi xahar ilu jien u Eliot konna ltqajna ma' wiehed Malti f'Ghawdex go xi disco. Dan kien tani pillola tal-ecstasy b'xejn u kien qalilna li jekk inkunu rridu, hu ghandu, u tani l-mobile number tieghu u jiena tajtu tieghi. Darba xi hmistax ilu dan il-Malti kien cempilli u din il-gimgha rega' cempel ukoll u qalli li meta nkun irrid nigi ghax kellu l-ecstasy…Jien iddecidejt li nixtri 200 (mitejn), ftiehemt mal-Malti biex igibhomli u kif ser niltaqghu u inzilt Malta ghalihom il-bierah. Jien ilbierah kont ghidt lil Eliot li ser ninzel Malta ghall-ecstasy u hu qalli li jrid mitejn ghalih ukoll u biex lill-Malti nghidlu jahsbilna ghal 400 pillola. Jien fil-fatt ergajt cempilt lill-Malti u ghidtlu jahsbilna ghal 400. Jien u Eliot inzilna Malta mal-vapur ta' xi d-9.00 ta' filghaxija…Jien lill-Malti tajtu Lm650 u Eliot tah il-flus tieghu, suppost l-istess ammont…" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Issa, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, skond l-Artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31, il-kelma jitraffika tinkludi, fosta affarijiet ohra, "id-distrubuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza." (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem sottolineati huma aspett tad-definizzjoni ta' "traffikar" li ftit li xejn, sal-lum, inghatat importanza. Min jaghti informazzjoni biex jiffacilita x-xiri (u l-bejgh korrispettiv) ta' droga bi ksur tal-ligi ikun qieghed ukoll jitraffika. U hekk ghamel proprju l-appellant meta rega' cempel lill-"Malti" u qallu biex igib mieghu mhux 200 izda 400, biex dawn il-mitejn l-ohra jixtrihom Eliot. Qal x'qal l-appellant meta ddepona quddiem l-ewwel qorti, il-prova hija cara li kien hu (cioe` l-appellant) li intriga biex jassigura li il-"Malti" ikollu mieghu bizzejjed pilloli biex mhux biss jixtri hu, izda wkoll Eliot. …*" [sottolinear ta' dik il-Qorti].

Bl-involviment tieghu u cioe` billi ftiehem ma' Brincat sabiex ilestilu mitt pillola ghal terz (Nicholas Borg Olivier) u li mbaghad anke wasslu bil-vettura tieghu sabiex jiltaqghu mal-istess terz, bl-intendiment li dawn il-pilloli jigu mghoddija

lilu, tant illi t-terz kien fil-post fejn l-imputat waqaf bil-vettura tieghu, l-imputat mhux biss ta informazzjoni biex jiffacilita x-xiri u l-bejgh korrispettiv ta' droga, izda sahansitra ha lill-fornitur bid-droga sabiex din tigi mghoddija lit-terz. L-imputat provda wkoll tali informazzjoni f'okkazzjoni ohra ftit tal-jiem qabel, skont l-istqarrija ta' Brincat, ossia l-imputat ta n-numru ta' Brincat lil terz biex dan jixtri hamsin pillola minghandu u sussegwentement, Brincat iltaqa' ma' dan it-terz u bieghlu l-pilloli. Ghalkemm fil-kontro-ezami ta' Brincat, id-difiza talludi li Brincat seta' kien taht l-impressjoni zbaljata li x-xerrej intbaghat lilu mill-imputat ghaliex dan kien qalulu biss l-istess xerrej u mhux ghaliex kien jaf dan bhala fatt, Brincat jghid illi l-imputat dejjem kien icempillu qabel ghaliex hu ma kienx ser jaqdi lil xi hadd, minghajr ma jkun jaf min baghtu. Fil-fehma tal-Qorti, din il-verzjoni ta' Brincat hija verosimili u kredibbli ghall-ahhar.

Tenut kont tas-suespost, dan diga` jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi, fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat traffika medicina psikotropika u ristretta fit-termini tal-Artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre Brincat jghid ukoll fl-istqarrija tieghu illi huwa jixtri l-*ecstasy* minghand certu wiehed Ninian mill-Belt u li qabel, kien jixtri l-*ecstasy* minghand l-imputat. Quddiem il-Magistrat Inkwirenti, jikkjarifika illi kien ilu jixtri d-droga minghand l-imputat ghal zmien twil, izda waqaf xi xahrejn qabel meta l-imputat ma baqax igib id-droga personalment. Dwar dan id-difiza, kif inghad, tissottometti illi effettivament it-traffikant tad-droga kien Brincat u mhux l-imputat odjern u li *semmai* kien l-imputat li kien jixtri d-droga minghand Brincat u mhux vici versa, kif jixhed ukoll in-*notebook* bin-notamenti li nstab fir-residenza ta' Brincat, li fih hemm indikati l-kliem "*Bjorn 60*". Dwar dan, l-imputat jghid illi huwa kien xtara zewg grammi kokaina minghand Brincat b'dan il-prezz u li kien ghadu ma hallsux taghhom sakemm sehh il-kaz. Skont id-difiza, ghalhekk, Brincat ipprova jimputa l-htijiet tieghu fuq l-imputat. Biss kif diga` inghad, il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija tieghu, Brincat ma qaghadx lura milli jammetti illi huwa kien jitraffika kemm l-*ecstasy*, kif ukoll il-kokaina u ghalhekk ma tarax kif Brincat kien qed jixhet fuq l-imputat, il-htijiet tieghu. Illi Brincat kien jitraffika d-droga fil-fatt huwa korroborat bl-incident fil-lejl in kwistjoni, fejn kien huwa stess li pprovda mitt pillola *ecstasy* u bis-sejba ta' sbatax-il pakkett kokaina u oggetti ohrajn, relatati mat-traffikar tad-droga, bhan-notamenti li ghalihom issir referenza mid-difiza u anke mizien, fir-residenza tieghu. Madankollu l-fatt illi Brincat kien huwa stess jitraffika d-droga, inkluz billi kien ibiegh il-kokaina lill-imputat, ma jfissirx illi mhuwiex minnu illi sa xahrejn qabel dan l-incident, Brincat kien jixtri l-pilloli *ecstasy* minghand l-istess imputat. Dan fil-fatt jikkombacja wkoll ma' dak li qal Brincat fl-istqarrija tieghu, fis-sens illi l-imputat kien ghaddielu xi darbtejn xerrejja tal-*ecstasy* fl-ahhar

xahrejn. Meta l-Qorti tqis il-kredibilita` ta' Brincat anke f'aspetti ohrajn tal-istqarrija tieghu u kif din giet korroborata anke mill-fatti tal-kaz, inkluz illi l-imputat ma kien jiddejjaq xejn jinvolvi ruhu fit-traffikar ta' ammonti sostanzjali ta' droga, il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen anke din il-parti tal-istqarrija u tax-xhieda ta' Brincat.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (a) giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat ukoll bil-pussess semplici tad-droga kokaina. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jammetti illi huwa kien jabbuza mid-droga kokaina fiz-zmien tal-kaz odjern, apparti illi jghid ukoll illi kien xtara l-kokaina minghand Brincat xi ftit taz-zmien qabel il-kaz. Ghaldaqstant, anke din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-*cannabis.* Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jghid illi fiz-zmien tal-kaz, huwa kien jabbuza mill-haxixa. Madankollu, l-imputat ma jispecikax jekk kienx ipejjep il-pjanta jew ir-raza tal-*cannabis.*

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Debbie Antoinette Vella**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2013, il-Qorti lliberat lill-appellata mill-imputazzjoni ta' pussess semplici tar-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dak il-kaz, matul l-interrogazzjoni taghha, l-appellata giet mistoqsija jekk kinitx ippruvat drogi ohrajn bhal *ecstasy* jew *cannabis*, ghal liema domanda hija wiegbet illi kienet pejpet il-*cannabis* u rreferiet ghaz-zmien meta kienet pejpet *joint* l-ahhar. Il-Qorti nnutat illi fil-waqt illi l-appellata kienet qeghda tirreferi biss ghal *cannabis* minghajr ma tiddistingwi bejn ir-raza u l-pjanta, l-ufficjal investigatur kien irrefera ghal *cannabis resin joint* fid-domanda tieghu. Fil-fehma tal-Qorti, f'dak il-kaz, il-korrettezza kienet tiddetta illi tigi mistoqsija x'tip ta' *joint* kienet pejpet, jekk hux tar-raza jew tal-weraq. Il-Qorti rrilevat illi "*Huwa minnu illi ghal dik il-mistoqsija hija xorta wiegbet u wiegbet fis-sens biss illi kienet akkwistat il-joint minghand habib ... Izda jibqa' dubju jekk kinitx taf x'tip ta' joint kienet pejpet, galadarba l-ligi taghmel distinzjoni bejn ir-raza u l-pjanta.*"

Issa f'dan il-kaz, kif inghad, ma jirrizultax mill-atti jekk l-imputat kienx ipejjep ir-raza jew il-pjanta tal-*cannabis.* La darba l-ligi taghmel distinzjoni cara bejn ir-raza u l-pjanta u la darba l-imputat gie akkuzat ai termini tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101

li jirreferi specifikatament ghar-raza mehuda mill-pjanta tal-*cannabis*, il-Qorti tqis illi sabiex tinstab htija, ghandu jirrizulta fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat fil-fatt kien qed jabbuza mir-raza tal-*cannabis* u mhux mill-pjanta tal-*cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-istess Kapitolu. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok illi l-fedina penali tal-imputat kienet wahda netta fiz-zmien tal-kaz odjern u illi mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tieghu, jirrizulta illi sas-sena 2015, il-fedina penali tieghu baqghet netta.

Tqis ukoll is-serjeta` tal-ewwel imputazzjoni u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz in-numru ta' pilloli involuti fil-lejl in kwistjoni, li certament ma kienx wiehed zghir. Ghalkemm l-istqarrijiet tal-imputat gew skartati mill-Qorti ghal fini ta' kunsiderazzjoni dwar htija o meno, biss tqis minn harsa lejn tali stqarrijiet illi effettivament kien hemm livell ta' kooperazzjoni da parti tal-istess imputat waqt l-investigazzjoni.

Il-Qorti qeghda tieghu wkoll in kunsiderazzjoni t-trapass taz-zmien, fis-sens illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2005. Ghalkemm f'erba' seduti, kienet id-difiza li talbet differiment, biss kien hemm ukoll numru ta' seduti li fihom ma sar xejn ghal ragunijiet li mhumiex imputabbli lill-imputat. Il-Qorti tinnota wkoll illi din il-kawza bdiet tinstema' f'Ottubru 2009 u ghalhekk erba' snin wara li sehh il-kaz u l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'Ottubru 2013. Ghalhekk tqis illi d-dewmien, fil-maggor parti tieghu, ma kienx imputabbli lill-imputat odjern.

Tqis ukoll il-kontenut tas-*Social Inquiry Report* dwar l-imputat, mil-liema jirrizulta illi ghalkemm fiz-zmien tal-kumpilazzjoni tar-rapport, kampjuni tal-urina li ttehdulu rrizultaw fil-posittiv ghat-tehid ta' *cannabis*, mill-bqija jidher illi l-imputat ghandu hajja stabbli, izzewweg u llum jahdem barra minn Malta. In oltre test tal-kampjun tal-urina tal-imputat mehud f'Awwissu 2015 irrizulta fin-negattiv ghas-sustanza *cannabis*.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (c) migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u tikkundannah ghall-piena ta' tmien (8) xhur prigunerija effettiva u piena ta' multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas xi pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita formalment bhala Dok. OD (numru tal-esebit KB/74/2008), hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat